**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 4 ta' Novembru 2021**

Rikors Numru: 299/21 AL

A B

vs

C D

(MR Number 458/2012)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi r-rikorrenti izzewweg lill-intimata fit-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) fil-Kappella San Tumas More, Msida, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A u minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

2. ILLI r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:

i. Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Dr. Robert Micallef datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru, tas-sena elfejn u erbatax (2014), li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B, filwaqt li ilhom de facto separati minn Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013);

ii. Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom ghal dawn l-ahhar snin mifrudin, illum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

iii. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut lill-intimata u lanqas fir-rigward tat-tfal tal-partijiet stante li ma kellhomx tfal;

3. Illi l-intimata kienet diga' skond il-kuntratt ta' separazzjoni irrevertiet lura ghal kunjomha xebba, ossia D;

4. ILLI jigi rilevat li l-partijiet huma domitiljati f’ Malta u ghandhom irresidenza taghhom f' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti, previa kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66A et sew tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, m’ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg, li gie celebrat mill-partijiet fit-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012);

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimata a fol 20 li permezz taghha esponiet:

1. Illi l-esponenti taqbel illi l-partijiet izzewgu fit-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) fil-Kappella San Tumar More, Msida, Malta (vide ċertifikat taz-Zwieg anness u mmarkat bhala dokument "A" mar-rikors promotur tal-attur);

2. Illi l-esponenti taqbel illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

3. Illi l-esponenti taqbel wkoll illi l-partijiet kien isseparaw permezz ta' kuntratt datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) in atti tan-Nutar Dottor Robert Micallef, (vide kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat bhala dokument "B" mar-rikors promotur tal-attur);

4. Illi l-esponenti taqbel ukoll illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante li tirrikonoxxi li ilhom sa' minn Mejju tas-sena elfejn u tlettax de facto, u minn dakinhar 'il quddiem ghexu hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

5. Illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni de quo, m'hemm l-ebda manteniment dovut fil-konfront ta' xulxin;

6. Illi l-esponenti kienet effittavement irrivertiet lura ghal-kunjom xbubitha, cioe' "D".

7. Illi l-partijiet huma domiciljati u kif ukoll residenti f' Malta;

8. Illi dawn il-fatti hawn fuq msemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' Lulju 2021;

Rat ir-risposta tal-intimata li ġiet ikkonfermata minnha bil-ġurament tagħha;

Rat illi l-intimata kienet irrevertiet ghal kunjom xbubitha u cioe`  Debono;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit- tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru, tas-sena elfejn u erbatax (2014);

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.